TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 207/11 (JE).

Miriam Garner

vs

Calbros Ltd.

Illum, 3 ta' Mejju 2012.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ippreżentat minn Miriam Garner fid-9 ta' Mejju 2011 fejn stqarret illi xtrat shower fit-28 ta' Settembru 2009 mingħand is-soċjetà konvenuta għall-prezz ta' € 60. Il-chrome handle ħarġielha s-sadid imma n-negozjant m'aċċettax li jibdilha u għaldaqstant, talbet li tinbidel.

Ra illi s-soċjetà konvenuta, debitament notifikata, baqgħet kontumaċi

Sema' l-provi tar-rikorrenti.

Ikkunsidra.

Illi mir-ritratti esibiti mill-istess rikorrenti jidher illi m'huwiex minnu illi l-chrome handle in kwistjoni qiegħed isaddad. Is-sadid ifforma bejn il-ħandle u l-madum imma m'hux fil-handle propja. Is-sors tas-sadid li jidher f'dawn ir-ritratti ma ġiex determinat imma jista' jkun illi huwa xi materjal li ntuża biex iwaħħal il-chrome handle illi qiegħed jikkawża dan is-sadid. Għaldaqstant, m'hemm l-ebda garanzija illi jekk jingħata r-rimedju mitlub u jinbidel il-chrome handle, ser tiġi solvuta l-problema. Kien ikun ferm aktar għaqli kieku r-rikorrent l-ewwel qala' l-handle in kwistjoni u reġa waħlu sabiex jara' jekk il-problema tirrikorriex qabel ma adixxa dan it-Tribunal bl-ilment tiegħu. .

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontriha.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888